# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 162/2020 JVC**

**Zahra Borg Loumri**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Zahra Borg Loumri kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti hi cittadin ta' Malta, zzewget u ilha tghix Malta ghal-madwar tletin sena;

2. Illi l-esponenti twieldet gewwa Casablanca l-Marokk nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965) u dan kif inhu muri fic-certifikat tat-twelid li kopja awtentika tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.A' flimkien ma traduzzjoni ufficjali tieghu ghal-Ingliz;

3. Illi din l-istess data tat-twelid tinsab ukoll indikata fuq l-Karta tal-Identita' tal-esponenti mahruga mir-Renju tal-Marokk, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B' flimkien ma traduzzjoni ufficjali taghha ghal-Ingliz;

4. Illi r-registrazzjoni tat-twelid tal-esponenti fir-Registru Pubbliku ta' Malta tindika erronjament d-data tat-twelid taghha bhala dik tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965). Dan kif inhu mur fic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.C';

5. Illi konsegwentement, tali zball fir-registrazzjoni tad-data tat-twelid tal-esponenti jinsab rifless fid-dokumenti ufficjali l-ohra taghha u cioe' fil-Karta tal-Identita' Maltija u fil-Passaport Malti, kopja ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. D';

6. Illi dan l-izball qed jikkawza lil esponenti konfuzjoni u nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita' taghha specjalment f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikollha turi kemm dokumenti mahruga mir-Renju tal-Marokk kif ukoll dawk tar-Repubblika ta' Malta;

7. Illi ghalhekk jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni tar-registrazzjoni tat-twelid tal-esponenti mar-Registru Pubbliku ta' Malta u dan billi c-certifikat tat-twelid tal-esponenti (Dok. C) jkun jirrifletti d-data tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965) bhala d-data tat-twelid taghha;

**Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1) Tiddikjara illi d-data tat-twelid tal-esponenti Zahra Borg Loumri hi dik tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965);

2) Tiddikjara illi hemm zball fid-data tat-twelid indikata fuq ic-certifikat tat-twelid tal-esponenti li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

3) Tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-esponenti li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta jigi korrett fis-sens illi d-data tat-twelid tal-esponenti tkun tindika l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965) minflok it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija hamsa u sittin (1965);

4) Tordna illi l-imsemmi tibdil effettwat fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti jigi rifless fl-atti civili u dokumenti ufficjali taghha mahruga mill-Istat ta' Malta;

U dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrulha l-aktar xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa kif isegwi:

1. 'ILLI, in linea preliminari, ir-rikorrenti ghandha tiddikjara b'mod car l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu qieghda isejjes l-azzjoni taghha halli b'hekk l-esponent ikun f'qaghda ahjar biex iwieghgeb ghal din il-kawza. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent, bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi hija qieghda tesperixxi il-proceduri istanti;

2. ILLI, preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz illi r-rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandu jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li jsejjah lil kull min ikollu interess sabiex jiddikjara bil-mezz ta' nota jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba, u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili;

3. ILLI, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha;

4. ILLI, jidher illi r-rikorrenti twieldet gewwa Casablanca, fil-Marokk. Sussegwentement, ir-rikorrenti akkwistat ic-cittadinanza Maltija taghha. Bhala cittadina Maltija, ir-rikorrenti ghandha l-fakolta`, moghtija lilha permezz tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili, illi tirregistra gewwa Malta l-Atti tal-iStat Civili esteri taghha.

Difatti, ir-rikorrenti rregistrat l-Att ta' Twelid taghha gewwa Malta, li jgib in-numru progressiv 3602 tas-sena 2000, u qed jigi hawn anness u mmarkat **Dok DRP 1**;

5. ILLI, meta ssir registrazzjoni gewwa Malta ta' Att Civili esteru taht l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili, l-esponent huwa kostrett illi jirregistra tali Att billi jnizzel *ad verbatim* id-dettalji misjuba fl-Att esteru. F'dan il-kaz, meta r-rikorrenti ressqet ghar-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid taghha, hija pprovdiet l-estratt tal-att ta' twelid esteru taghha, kif ukoll traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza tal-istess, li huma hawn annessi w mmarkati **Dok DRP 2**. Fit-tali dokumenti, jidher car li d-data ta' twelid tar-rikorrenti hija ndikata biss bis-sena, u cioe s-sena 1965, u ma hemmx indikat il-jum u x-xahar tat-twelid. Ghalhekk, f'dan il-kaz, l-esponent kien kostrett illi jistrieh fuq id-data ta' twelid indikata fil-konferma tac-cittadinanza Maltija tar-rikorrenti *stante* li tali dokument, li huwa mahrug mid-Dipartiment tac-Cittadinanza, huwa wiehed mid-dokumenti necessarji sabiex issir ir-registrazzjoni taht l-Artikolu 244. Tali konferma ta' cittadinanza qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 3,** liema dokument jindika d-data ta' twelid tar-rikorrenti bhala t-22 ta' Dicembru 1965;

6. ILLI, minghajr pregudizzju ghall-premess, riferibbilment ghar-raba' (4) talba taghha, ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawk l-Atti tal-iStat Civili ohra li ghandhom jirriflettu it-tibdil mitlub minnha, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti takkolja it-talbiet l-ohra taghha, u dan billi tirreferi ghan-numru progressiv u s-sena tal-Atti tal-iStat Civili kkoncernati. Maghdud ma' dan, u f'kaz illi l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, l-esponent jeccepixxi illi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti lok ghal korrezzjonijiet f'Atti tal-iStat Civili biss u ma

jistax ghalhekk jigi applikat ghal 'dokumenti ufficcjali' ohra, kif mitlub mir-rikorrenti;

7. ILLI, madankollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talbiet attrici, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` illi l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni'.

Rat l-affidavit, certifikati, digriet tal-Qorti tar-Renju tal-Marokk, digriet tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Gunju, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici Zahra Borg Loumri ppremettiet illi hija cittadin ta' Malta, zzewget u ilha tghix Malta

ghal madwar tletin (30) sena. Tispjega li hija twieldet gewwa Casablanca l-Marokk nhar l-1 ta' Jannar, 1965 madanakollu r-registrazzjoni tat-twelid taghha fir-Registru Pubbliku ta' Malta erronjament tindika d-data tat-twelid bhala dik tat-22 ta' Dicembru, 1965. Tispjega li dan l-izball huwa attribwit ghal fatt li c-certifikat tat-twelid li kienet issottomettiet fir-Registru Pubbliku ta' Malta qabel izzewget liema certifikat kien mahrug mir-Renju tal-Marokk kien jindika biss is-sena 1965, filwaqt li dettalji tal-gurnata u x-xahar tat-twelid ma kellux u ghalhekk id-Direttur intimat strieh fuq id-data ta' twelid indikata fil-konferma tac-cittadinanza Maltija. Kien biss wara li saret procedura quddiem il-Qorti tal-Marokk fis-sena 2013 li giet stabbilita d-data tat-twelid taghha bhala dik tal-1 ta' Jannar, 1965. Talbet ghalhekk li jigi dikjarat li d-data ta' twelid taghha hija dik tal-1 ta' Jannar, 1965 u li hemm zball fic-certifikat tat-twelid taghha li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta u konsegwentament li jigi ordnat li c-certifikat ta' twelid taghha jigi korrett fis-sens li d-data tat-twelid taghha jindika l-1 ta' Jannar, 1965 minflok it-22 ta' Dicembru, 1965 u li tali tibdil jigi rifless fl-atti civili u dokumenti ufficjali taghha mahruga mill-Istat ta' Malta.

Illi min-naha tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku laqgha eccepixxa preliminarjament illi l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu qieghda ssejjes l-azzjoni u preliminarjament ukoll f'kaz li l-azzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandu jigi ppublikat avviz fil-gazzetta tal-Gvern u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili. L-intimat Direttur sostna li dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza m'huwiex edott mill-fatti esposti mill-attrici. Huwa jsostni li l-attrici rregistrat l-Att tat-Twelid gewwa Malta li jgib in-numru progressiv 3602 tas-sena 2000 ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili u huwa kostrett li

jirregistra *ad verbatim* id-dettalji misjuba fl-Att esteru. Fl-Att tat-Twelid minnha provdut id-data tat-twelid taghha kienet biss indikata bis-sena 1965 minghajr indikazzjoni ta' data u xahar. Kien ghalhekk li huwa kellu jistrieh fuq id-data ta' twelid indikata fil-konferma tac-cittadinanza Maltija, liema dokument kien jindika d-data ta' twelid tal-attrici bhala dik tat-22 ta' Dicembru, 1965. Referibilment ghar-raba' talba l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa wkoll li l-attrici ghandha tispecifika liema huma l-Atti tal-Istat Civili ohra li ghandhom jirriflettu t-tibdil mitlub minnha stante li jekk l-azzjoni hija msejjsa fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili dan l-artikolu ma jistax jigi applikat ghal 'dokumenti ufficjali' ohra ghajr ghal korrezzjonijiet fl-Atti tal-Istat Civili. Finalment l-intimat Direttur irrimetta ruhu ghall-ghaqli u savju gudizzju tal-Qorti salv ghall-ispejjez tal-kawza stante li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tieghu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu l-azzjoni giet imsejjsa.

Illi fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2020 a fol. 32 tal-process Dr Joseph Calleja informa lil Qorti li '...Jiddikjara wkoll illi l-kawza tieghu hija msejsa fuq l-artikolu 253 tal-Kap. 16.' Ghaldaqstant fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmula li din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), din l-ewwel eccezzjoni preliminari hija ezawrita.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi fit-tieni eccezzjoni preliminari l-intimat eccepixxa wkoll illi mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandu jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li jsejjah lil kull min ikollu interess sabiex jiddikjara bil-mezz ta' nota jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba, u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi mill-atti jirrizulta li nhar it-28 ta' Frar, 2020 saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern bin-numru 20.355 hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 20 tal-process.

In vista li l-pubblikazzjoni saret, din it-tieni eccezzjoni preliminari hija wkoll ezawrita.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi bazikament l-attrici Zahra Borg Loumri qed titlob li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid taghha registrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) bin-numru progressiv 3602 tas-sena 2000 fis-sens illi, d-data tat-twelid taghha tkun tindika l-1 ta' Jannar, 1965 minflok it-22 ta' Dicembru, 1965. L-Artikolu 244 tal-Kodici Civili jaqra kif isegwi:

> '(1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.

(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

Illi l-attrici fid-deposizzjoni taghha moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 34 *et seq* tal-process tispjega li meta zzewget kienet issottomettiet id-dokumenti necessarji fir-Registru Pubbliku ta' Malta fosthom ic-certifikat tat-twelid tar-Renju tal-Marokk, liema certifikat kien jindika biss is-sena tat-twelid taghha u d-dettalji tal-gurnata u x-xahar tat-twelid taghha ma kinux indikati u dan peress li ghal xi zmien ic-certifikati tat-twelid fir-Renju tal-Marokk kienu johorgu hekk. Tispjega li xi snin wara meta marret sabiex taggorna l-karta ta' l-identita' taghha, ufficjal mir-Registru Pubbliku kien qallha li bilfors jrid ikun hemm indikati l-gurnata u x-xahar tat-twelid u ghalkemm ma kinitx taf dawn id-dettalji fuq insistenza kienet tnizzlet id-data tat-22 ta' Dicembru, 1965. Tispjega li sussegwentament il-Gvern tal-Marokk kien esiga li c-cittadini Marokkini kellhom jaggornaw il-karta tal-identita' sa' l-ahhar tas-sena 2013 u kien ghalhekk li hafna cittadini Marokkini li kienu fl-istess sitwazzjoni taghha u cioe' li wkoll ma kellhomx id-data u x-xahar tat-twelid taghhom fuq ic-certifikat tat-twelid kellhom jibdew procedura fil-Qorti tal-Marokk fejn permezz taghha jintalab lill-Qorti sabiex tigi stabbilita data preciza tat-twelid. L-attrici ssostni li hija ghamlet din il-procedura fil-Qorti ta' Casablanca u l-Qorti kienet stabbiliet li d-data tat-twelid taghha kienet dik tal-1 ta' Jannar, 1965. L-attrici pprezentat kopja tradotta tad-decizjoni bin-numru 10675 moghtija mill-Qorti tar-Renju tal-

Marokk datata 18 ta' Diċembru, 2013 a fol. 36 *et seq* tal-process fejn permezz tagħha id-data tal-1 ta' Jannar, 1965 fil-Marokk giet rikonoxxuta bhala d-data tat-twelid taghha. Din il-Qorti sejra tikkwota *ad verbatim* id-decizjoni fejn inghad is-segwenti:

> 'FOR THESE REASONS
>
> And pursuant to Chapters 1, 31 and 32.50.124 thereafter in the Civil Procedure Law, and pursuant to the provisions of Law No. 99.37 related to the civil status issued on 03 October 2002, and the Decree No. 665.99.2 issued on 09 October 2002.
>
> The First Instance Court ruled publicly and due hearing to the plaintiff, where it decides over the civil status cases,
>
> **IN TERMS OF FORM**: that the request shall be accepted.
>
> **IN TERMS OF SUBSTANCE**: that the day and month shall be added to the Gregorian date of Birth of the plaintiff by making it as: **1/1/1965 instead of 1965**.
>
> The court decided that this judgement shall be included in the Civil Status Records and in the margin of the contract N°1452 A.H for the year 1967 at the civil status office in Derb Ghellaf the District of Maarif …'

Illi kkunsidrat li l-Att tat-Twelid tar-Renju tal-Marokk illum il-gurnata jgib id-data tal-1 ta' Jannar, 1965 bhala d-data tat-twelid tal-attrici, din il-Qorti taqbel li dan il-bdil fic-certifikat tat-twelid tal-post originarju tat-twelid tal-attrici, ghandu wkoll jigi rifless fl-Att tat-Twelid ta' Malta dan anke sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni fl-interess tal-attrici u tal-poplu in generali. Il-verzjoni

tal-fatti hekk kif esposta mill-attrici giet ukoll ikkorraborata bid-dokumenti u mill-intimat Direttur. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tal-attrici.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1) Tilqa' l-ewwel u tiddikjara illi d-data tat-twelid tar-rikorrenti Zahra Borg Loumri hi dik tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija hamsa u sittin (1965);

2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li hemm zball fid-data tat-twelid tal-attrici Zahra Borg Loumri b'dan li d-data tat-twelid korretta hi dik tal-ewwel (1) ta' Jannar, elf disa' mija hamsa u sittin (1965);

2) Tilqa' t-tielet talba u tordna li c-certifikat tat-twelid tal-attrici li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta ghandu jigi korrett fis-sens li d-data tat-twelid tal-attrici ghandha tindika l-ewwel (1) ta' Jannar, elf disa' mija hamsa u sittin (1965) minflok id-data tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru, elf disa' mija hamsa u sittin (1965);

3) Tilqa' r-raba' talba u l-imsemmi tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-attrici ghandu jigi rifless fl-atti kollha civili u dokumenti ufficjali fil-poter tar-Registratur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kollha a kariku tal-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Settembru, 2020**